**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Stephen Mallia

Vs

Colin Aquilina – ROCS Travel

CCT 95/21/MM

Illum, 9 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Gunju 2021 fejn talab is-somma ta' Euro 221 wara li huwa kien ħallas it-total ta' Euro 1160 rappreżentanti *deposit fee* għal safra li huwa kien ibbukja mil-liema Euro 160 kien *insurance fee*. Illi meta l-istess safra ġiet kanċellata minħabba l-Covid 19 huwa rċieva lura biss l-ammont ta' Euro 939.

Illi l-intimat Colin Aquilina intavola risposta fl-atti fejn eċċepixxa illi fl-ewwel lok, u b'mod preliminari, l-intimat Colin Aquilina fil-vesti personali tiegħu ma huwiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti u ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti, peress li r-rikorrenti għamel il-*booking de quo* mas-soċjeta' Charichelon Company Limited u l-insurance policy mas-soċjeta' ROCS Co Limited. Għaldaqstant, Colin Aquilina għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, u konsegwentement it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

Illi fit-tieni lok, u wkoll b'mod preliminari it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur mhux kompetenti *rationae materiae* billi f'dan il-każ ma teżistix relazzjoni ta' kummerċjanti u konsumatur bejn ir-rikorrenti u l-intimat;

Illi fit-tielet lok, u wkoll b'mod preliminari, jiġi rilevat illi m'hemm l-ebda kumpannija jisimha ROCS Travel. Illi l-kumpannija avviċinati mir-rikorrenti dwar din il-kwestjoni huma 'Charicherlon Company Limited' u 'ROCS Co Limited' stante li dawn huma mogħnija b'personalita' ġuridika distinta;

Illi mingħajr preġudizzju għas-susespost, kif ser jirriżulta waqt it-trattazjoni ta' dan il-każ, l-ilment tar-rikorrenti huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt;

Illi meta r-rikorrenti avviċinat lis-soċjeta' ntimata bl-ilment tiegħu dwar il-*booking* bin-numru 719/2020 (anness bħala Dok A), is-soċjeta' ntimata offrietlu pagament fis-somma ta' disa' mija u tlieta u disgħin euro (€ 939), liema pagament ġie aċċettat u msarraf mir-rikorrenti għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu (anness bħala Dok B), u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fuq il-*booking form* relattiv hemm indikat b'mod ċar li l-*booking de quo* ma kienx suġġett għal rifużjoni, u għalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.

Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, għandhom japplikaw it-termini u kundizzjonijiet indikati fl-imsemmi *booking* li jistipulaw li meta l-booking jitħassar għandhom jiġu mposti t-tariffi tal-kanċellament stipulati fl-istess termini u kundizzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-ħlas magħmul lis-soċjeta' ROCS Co Limited fis-somma ta' mija u sittin euro (€ 160) relattiv għal *insurance premium*, dan l-ammont ma huwiex soġġet għal rifużjoni u dan kif jirriżulta mill-insurance policy stess.

Salv il-jedd tas-soċjeta' intimata li tippreżenta risposta ulterjuri fil-fatt u fid-dritt jekk ikun il-każ.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta li l-ilment primarju tar-rikorrenti jirrigwarda l-fatt li huwa ma ġiex rifuż it-total ta' kemm kien oriġinarjament ħallas iżda bir-riduzzjoni ta' Euro 221 rappreżentanti spejjeż fosthom *credit card charges* u oħrajn.

Illi min-naħa l-oħra, l-intimat jinsisti fuq żewġ punti preliminari u ċioe li Colin Aquilina – ROCS Travel mhux il-leġittimu kontradittur kif ukoll li kwanlunkwe pagament li ingħadda kien kjarament ingħadda in *full and final settlement.*

Min-naħa waħda, f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jinsisti li huwa dejjem kellu kuntatt ma' Aquilna u jinlqa' dna il-fatt li *in ogni caso* huwa kien indika bħala konvenut lil 'Colin Aquilina Rocs Travel'. Huwa jinsisti li bħala konsumatur 'kien imħawwad bil-verżjonijiet li hemm'. Jgħid li l-*heading* tal-kuntratt b'ittri kbar hu 'ROCS travel', filwaqt li 'Details of any special requirements agreed by ROCS TRAVEL/CHARICHELON COMPANY LIMITED' li skontu tindikat li 'ROCS Travel' hi kumpannija bħal ma hi Charichelon Co Ltd. Iktar minn hekk huwa jagħmel referenza għaċ-*cheque image* tal-BOV fejn jgħid li dan jindika 'ROCS Group and/or Charichelon Co. Ltd' u għalhekk '*tindika li sew ROCS group (mhux ROCS Co Ltd) u Charichelon huma mdaħħlin*'.

Fir-rigward tal-punt imqajjem mill-intimat li kwalunkwe pagament li effettivament issarraf mir-rikorrenti sar *in full and final settlement,* ir-rikorrenti jisħaq illi dan jikkonsisti f' '*unfair commercial terms għaliex qed iċaħħdu lill-konsumaturi mid-dritt tagħhom ta' 'full refund' meta l-pakkett ikun imħassar mill-kumpannija u mhux mill-konsumatur*'.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal għandu jeżamina kemm ir-rikorrenti huwa ġustifikat li jħossu 'mħawwad' meta fetaħ il-kawża kontra 'Colin Aquilina -ROCS Travel' jew inkella għandha mis-sewwa l-eċċezzjoni tal-konvenut u b'hekk tirrendi l-ġudizzju bħala wieħed ineżegwibbli u mhux kontra l-leġittimu kontradittur.

Illi huwa evidenti mill-*booking form* debitament iffirmata mir-rikorrenti illi ROCS Travel huwa trade name filwaqt li l-kumpannija hija Charichelon Company Limited. Illi f'kull każ, it-talba tar-rikorrenti xorta waħda ma tistax titqies eżegwibbli kontra Colin Aquilina fil-kapaċita' personali tiegħu, anki jekk ir-rikorrenti ħassu mħawwad ta' kif għandu jipproċedi u minkejja l-fatt li huwa għażel li jipproċedi kontra s-'CEO' u għalhekk l-għola kariga fi ħdan il-kumpannija.

Illi madanakollu, tajjeb li wieħed jinnota li l-użu tat-*trade name* Rocs Travel huwa xorta waħda użat ampjament u fid-dawl tal-fatt li l-liġijiet tal-konsumatur huma diżinjati speċifikament sabiex jipproteġu l-konsumatur, dan it-Tribunal ma jħoss li Rocs Travel hija

kompletament estranea fil-każ in kwistjoni u dan iktar u iktar meta fl-istess risposta Colin Aquilina f'isem it-trade name Rocs Travel iddefenda fil-mertu il-każ lil'hinn minn eċċezzjonijiet preliminari. Illi għalhekk meta l-konsumatur jgħid li jħossu 'mħawwad' dan it-Tribunal żgur ma jistax imerih iktar u iktar meta fir-risposta ta' Colin Aquilina stess f'xi daqqiet hemm referenza għas-soċjeta' intimata' fl-istess risposta.

Illi dan it-Tribunal xorta waħda jeħtieġ li jgħaddi sabiex jeżamina l-punt legali mqajjem fir-rigward ta' pagament li ġie msarraf minkejja l-kliem '*full and final settelment*'.

It-Tribunal jaghmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Aceline Entertainment Ltd v. Price Breakers Ltd** deciza fil-11 t'Ottubru 2012: *"Din il-Qorti tistqarr rispettosament illi ma tistax taqbel ma' din il-posizzjoni rigida fis-sentenza citata. Il-principju mhux assolut jew talment inflessibbli li ma jippermettix deroga minnu fic-cirkostanzi kongruwi. Kif taraha din il-Qorti, f'kaz fejn id-debitur ma jkunx hallas dak kollu pretiz mill-kreditur tieghu, il-liberazzjoni tieghu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tieghu tista', ghal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni ghas-saldu, tissussisti jekk mic-cirkostanzi li fiha sar il-hlas tigi dezunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja ghall-kumplament. Rinunzja din, li kif enuncjat f'bosta sentenzi, trid tkun wahda cara u univoka b'mod li mill-fatti ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "**Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut nomine**", Qorti Civili Prim'Awla, 10 ta' Ottubru, 1950.*

*Dan premess, il-kwistjoni sollevata hawnhekk gja giet drabi ohra ezaminata mill-gudikant sedenti f'kawzi ohra. Hekk fis-sentenza "**Johann Schembri proprio et nominee -vs- Charlot Mifsud nomine**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar deciz fid-19 ta' Ottubru 2005, din il-Qorti kif presjeduta, irravvisat illi, ghalkemm in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta cheque lilu mibghut fit-termini "full and final settlement", u jghaddi biex isarrfu, jigi li accetta dak il-hlas f'dawk l-istess termini precizi, eppure, jekk jigi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b'dik il-modalita`, l-accettazzjoni minnu ta' dak ic-cekk u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, imbaghad, jigi rinfaccjat lilu bhala xi abdikazzjoni tad-dritt tieghu ghal hlas tal-bilanc dovut;*

*Din il-Qorti hi tal-fehma illi, ghalkemm ic-cekk f'dawk l-istess termini kien jikkostitwixxi rikonixximent tal-pagament u prova pjena tal-hlas specifiku ta' somma determinata, l-interpretu ma ghandux jeccedi l-limiti ta' dik l-konfessjoni mill-kreditur stabbilita bir-ricezzjoni u tisrif tac-cekk sic et simpliciter. Dan ghaliex hemm diversi sentenzi li jghidu li ghal skop ta' certezza morali jekk id-debitur kellu l-intenzjoni li l-hlas b'dak ic-cekk kellu jkun wiehed finali, hu kien messu insista ghal kwittanza shiha permezz ta' dokument jew ricevuta jew kitba xort'ohra attestanti r-ricezzjoni tal-hlas ghas-saldu, u allura wkoll, l-*

*estinzjoni tad-debitu. Ara "**Francis Ciantar proprio et nomine -vs- Norman Clews et**", Qorti Civili Prim'Awla, 12 ta' Ottubru, 2005.*

Illi fil-każ odjern, il-prinċipji legali huma ċari u ghalhell meta r-rikorrenti ghandu ragun li jsib konfort fl-*email* mibghuta minnu nhar is-27 ta' April 2021 fejn jgħid, '*Allura jidher ċar li għad baqa 221 euros pendenti. Ghalkemm ic-cheque ser jissarraf, ma jfissirx li qed naccettah bhal full and final settlement*'. Illi huwa evidenti li l-attur meta sarraf ic-cheque ma kienx qed jirrinunzja ghall-ammont ta' Euro 221.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal r-rikorrenti ghandu ragun jistenna li jigi rifuz l-ammont kollu li hallas gjaladarba l-gita giet ikancellata mill-operatur.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jichad l-eccezzjonijiet tal-intimata filwaqt li jilqgħa t-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru